MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-22 ta' April, 2005

Talba Numru. 553/2005

**Mobisle Communications Limited (C24655)
vs
Borg Joseph (ID 455971M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta’ Frar, 2005, fejn intalab il-hlas ta’ erba’ mija u tmienja u sittin lira Maltija u disgha u sebghin centezmu (Lm468.79), liema somma tirraprezenta bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract number 193713 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta` attrici u dana fix-xhur bejn April 2004 u Awissu 2004.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-7 ta’ Jannar, 2005, dawk tal-mandat ta’ sekwestru prezentat kontestwalment mal-avviz, dawk tal-ittra ufficjali lill-banek relattiva ghall-imsemmi mandat, u bl-**

**imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-13 ta' April, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u tmienja u sittin lira Maltija u disgha u sebghin centezmu (Lm468.79), bl-imghax legali mis-7 ta' Jannar, 2005 sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-7 ta' Jannar, 2005, dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-avviz, dawk tal-ittra ufficjali lill-banek relattiva ghall-imsemmi mandat, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------